MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 200/1995/3

**Paul Muscat**

**Vs**

**Tarcisio Fenech u b'digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996**
**Mary Muscat intervenit fil-kawza**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta li nkariga lill-konvenut biex jaghmel il-kontrabejt ta' blokk flats f'Bizebbugia, proprjeta' ta' l-attur;

Premess illi l-konvenut ma esegwiex dan l-appalt skond l-arti u s-sengha tant li kien hemm penetrazzjoni ta' ilma mill-kontrabejt u saret hsara fl-intern tal-flats;

Premess illi l-konvenut, interpellat ufficjalment biex jirremedja, baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut ma esegwiex l-appalt fuq riferit skond l-arti u s-sengha;

2. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni versu l-attur liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat;

3. Tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jesegwixxi ghas-spejjez tieghu x-xogholijiet kollha necessarji biex isir kontrabejt kif titlob l-arti u s-sengha, u dan occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Fin-nuqqas, l-attur ikun awtorizzat jesegwixxi huwa dawn ix-xogholijiet ghas-spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-istess perit nominand.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 1994, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi din il-Qorti hija nkompetenti *'ratione materiae'* stante li l-konvenut huwa kummercjant u l-obbligazzjoni kienet ta' natura kummercjali ghall-konvenut.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-gudizzju mhux integru u dan stante li tali azzjoni kienet tispetta ukoll li mart l-attur u kellha ssir ukoll kontra mart il-konvenut, stante li tali obbligazzjoni hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti rispettivi tal-partijiet.

3. Illi di piu’ u bla pregudizzju ghal premess, ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett u dan stante li f’materja ta’ appalt it-talbiet kellhom ikunu diretti sabiex jigi irremedjat l-allegat xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti, u mhux kif invece huma t-talbiet attrici li tali xoghol jigi ezegwit. Dan ghaliex ukoll l-istess kontrabejt gie ezegwit f’Awissu 1993. Di piu’ tali citazzjoni hija konfusa kemm ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghax hemm talbiet ukoll ghad-danni.

4. Illi di piu’ u bla pregudizzju ghal premess ix-xoghol ta’ kontrabejt gie ezegwit skond is-sengha u l-arti u l-konkos uzat kien ta’ kwalita’ tajba kif mixtri mil-konvenut minghand is-socjeta’ Rite Mix (Gatt Bros. Ltd) u approvat mill-Perit tal-attur u kollox sar skond il-ftehim mal-attur u l-ispecifikazzjonijiet moghtija mill-istess Perit inkarigat mill-attur.

5. Illi konsegwentament il-konvenut ma huwiex responsabbli ghall-allegati danni, apparti l-fatt li l-ebda danni kwalunkwe ma gew ikkawzati kif irrizulta mill-access li nzamm bejn il-Periti u l-istess partijiet.

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 27 li bih giet awtorizzata Mary Muscat tintervjeni fil-kawza;

Rat id-digriet a fol. 39;

Rat id-digriet a fol. 14 li bih gie nominat il-Perit David Pace;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit a fol. 56 et seq;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Ezaminat ix-xiehda migbura mill-perit;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni l-Qorti tirrileva li bl-emendi li saru fil-Kodici ta’ Procedura, dina l-Qorti issa hija kompetenti.

Dwar it-tieni eccezzjoni, kwantu ghall mara ta’ l-attur, dina intervjeniet fil-kawza, mentri fil-kaz tal-mara tal-konvenut, japplika l-artikolu 1324 tal-Kap 16 u l-presenza taghha f’dina l-kawza mhiex necessarja.

Kwantu ghat-tielet eccezzjoni l-Qorti ma jidhriliex hemmx il-konfuzjoni imsemmija fl-eccezzjonijiet tal-konvenut b’tali mod li jistghu jwasslu ghan-nullita tac-citazzjoni.

Fil-mertu l-perit nominat minn dina l-Qorti wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

“para 29: F’dan il-kaz huwa manifest illi l-konkos ma kellux konsistenza b’sahhitha tant illi kienet tinqala facilment u ma kinitx qeghdha taghti l-impermeabilita’ illi suppost kellha taghti bhala wicc tal-kontrabejt.

“para 30: Sa certu punt ghalhekk il-konvenut ma kienx direttament responsabbili ghaliex aktar minn difett ta’ tqieghid u ffurmar tal-kontrabejt huma mankanzi fil-konsistenza tal-konkos stess illi kkawzat il-falliment tas-superfici impermeabbli. Pero’ billi l-inkarigu tal-konvenut kien ukoll illi jinkludi l-provvista tal-materjal u li kien hu illi ghazel minn fejn igib il-materjal u bl-ebda mod ma ndahhallu l-attur minn fejn igib il-materjal ghalhekk huwa lejn l-attur li huwa direttament responsabbili bhala l-appaltatur.

“para 31: Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent jidhirlu illi t-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha u l-konvenut ghandu jbiddel il-kontrabejt a spejjez tieghu jew fil-kaz tan-nuqqas ta’ dan, l-attur ikun awtorizzat illi jesegwixxi huwa dawn ix-xogholijiet a spejjez tal-konvenut. “

Dwar l-aspett tekniku kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciza fl-1 ta' Marzu, 1994: "Il-Qorti ma tissostiwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, sakemm ma jigux indikati lilha oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li taghmel dan."

Opinjoni teknika, bhal kull prova fl-att, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista’ tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta’ periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta’ verifika ta’ l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara Sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001).

Fil-kaz in ezami ma saret ebda eskuzzjoni tal-perit u lanqas ma ntalbet in-nomina ta’ periti addizzjonali. Il-konkluzzjonijiet teknici ma gewx kontestati. Ghalhekk il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmilhom taghha.

Il-konvenut issottometta li huwa ghamel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti u kien is-supplier li pprovvdilu l-konkos li rrizulta li ma kienx tajjeb.

Kwantu ghal dina s-sottomissjoni l-Qorti tirrileva li s-supplier ma giex kjamat fil-kawza. Jirrizulta mill-provi li l-attur kien qabbad lill-konvenut mhux biss biex jipprovvdilu x-xoghol izda kellu wkoll jiehu hsieb igib il-materjal. Ghalhekk kienet responsabilta’ tal-konvenut li hu jahdem b’materjal li kien tajjeb ghax xoghol li gie mqabbad jaghmel. L-attur ma kellux x’jaqsam mal-ghazla jew provvista tal-materjal u dina l-kwistjoni l-konvenut irid jaraha ma min tah materjal mhux tajjeb.

F’dina l-materja, l-principju hu li l-fatt ta’ terz hu kaz fortuitu, meta dak il-fatt kien barra l-possibilita’ ragjonevoli ta’ kontroll ta’ minn jinqeda b’dak il-materjal. (Vol 34 p 3 p 907; App Borg vs Mifsud 7/10/80). Hu rikjest li minn jaghmel uzu minn materjal provvdut minn terz ghandu jiehu vizjoni tal-materjal provvdut mit-terz u jiskarta minnu dak li hu difettuz jew almenu juzah fejn ma jaghmilx hsara. Il-fatt li normalment minn fejn wiehed igib il-materjal jaghtihulu tajjeb ma jezentahx mill-obbligu fuq imsemmi. (P.S. Mons. Calleja vs A. Xuereb 31/1/85).

Fil-kaz in ezami l-konvenut xehed li hu gab diversi drabi konkos minghand ir-Rite Mix u qatt ma kellu problemi bhal dawn. (fol.110). Dana pero ma jezentahx mill-obbligu li jaccerta ruhhu li l-konkos li kien ser jaghti kien tajjeb ghall-iskop li riedu.

L-attur xehed li hu kien talab certu tip ta’ konkos minghand il-konvenut izda l-konvenut kien accertah li ma kienx hemm bzonn minn dak, u li l-konkos li kien ser jaghmillu kien bizzejjed. Ghalhekk kienet responsabilta’ tal-konvenut li jara li jaghti xoghol tajjeb.

Il-konvenut kien tas-sengha f’dana x-xoghol u ghalhekk messu induna jekk il-konkos li gie provvdut lilu ma kienx kif suppost. Kontrarjament ghall dak li eccepixxa l-konvenut, meta tpogga l-konkos ma kienx hemm prezenti l-perit ta’ l-attur biex japprovah (ara fol.117).

Jirrizulta mill-provi li l-materjal uzat gie deskritt bhala li kien “too weak” “little cement content”; “chunks could be easily gouged out”’ li kien ramel wahdu; u li l-kampjun beda jitfarrak tant li lanqas setghu jsiru testijiet fuqu kif suppost. Dina t-tip ta’ tahlita ma tistax tissejjah “bhal tas-soltu” kif iddeskriviha l-konvenut (ara fol.112) u messu kien jaf li dak li kien qed ipoggi ma kienx materjal adattat.
Meta xehed Brian Gatt prodott mill-konvenut hu qal li meta klijenti jitolbuhom konkos ghall-kontrabejt huma dejjem jahdmuh b’tahlita 1:3:6 u cjoe Grade 10 (fol.117) pero’ ma setghax jghid ghal konsenja partikolari ta’ l-attur jekk il-konsistenza kinitx Grade 10, hlief li soltu jahdmu Grade 10 (fol.119).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa’ l-ewwel talba attrici
u tiddikjara li l-konvenut ma esegwiex l-appalt fuq riferit skond l-arti u s-sengha;
tasjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba;
Tikkundanna lill-konvenut sabiex a ghas-spejjez tieghu jesegwixxi x-xogholijiet kollha necessarji biex isir kontrabejt kif titlob l-arti u s-sengha, u dan taht is-supervizjoni tal-Periti David Pace li qed jigi nominat ghall dana l-iskop, liema xoghol ghandu jibda f’Gunju 2004;
fin-nuqqas li jsir dana, l-attur hu awtorizzat jesegwixxi huwa dawn ix-xogholijiet ghas-spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-istess perit nominand.
Bl-ispejjez ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------